# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, 9 ta' Dicembru, 2024

Avviz tat-Talba numru: 16/2023/1 CL

**GO p.l.c. (C 22334)**

**VERSUS**

**RMX Limited (C84165)**

it-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar l-24 ta' Jannar, 2023 wara li s-socjeta konvenuta kellha taghti lis-socjeta attrici s-somma ta' hamest elef, mitejn u sebgha u sittiin euro u disgha u disghin centezmu (€5,267.99) in konnessjoni ma' hsarat ikkagunati lil infrastruttura tas-socjeta mittenti fi Triq San Mikiel, San Gwann kawza ta' xogholijiet mwettqa minnhom fi Triq San Frangisk, San Gwann matul ix-xahar ta' Lulju 2021 u dan skond fattura bir-riferenza 130449 datata 6 ta' Ottubru 2021[1]. Bl-ispejjes u drittijiet inkluz dawk in konnessjoni mal-ittra ufficjali 2877/22 u bl-imghaxijiet legali mis-16 ta' Novembru 2022 kontra s-socjeta konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenutaipprezentata fid-29 ta' Mejju 2023, li permezz taghha in kwantu diretti fil-konfront tas-socjeta konvenuta huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li s-socjeta rispondenti mhux risponsabblo ghall-ebda hsarat allegatament sofferti mis-socjeta' rikorrenti u konsegwentament mhix responsabbli ghall-ebda danni li qed jigu reklamati fil-konfront taghha.

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa, ra illi s-socejta attrici kienet ipprezentat il-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghal-ammont ta' €5,267.99. Ra illi fls-16 ta' Ottubru 2023 is-socjeta ipprezentat nota ta' riduzzjoni tat-talba u l-ammont li kien qieghed jintalab naqas bl-ammont ta' €1921.74 u ghalhekk it-talba kienet ta' tlett elef tlett mija u sitta u erbghin euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€3346.25) flimkien mad-drittijiet, l-imghaxijiertu spejjez legali. Ra il-Verball tas-16 ta' Ottubru 2024, fejn wara it-talba ghar-riduzzjoni il-Qorti tal-Magistrati, iddikjarat illi a tenur tal-Artikolu 741(b) tal-Kap 12 ma kellhiex gurizdizzjoni rationae valoris sabiex tkompli tisma' din il-kawża u ordnat illi l-atti jintbghatu lir-Registratur tal-Qorti sabiex il-

[1] Foll. 2

kawza tigi trasferita ghat-Tribunal tat-Talbiet Zghar, fejn giet assenjata quddiem dan it-Tribunal hekk kif preseduta.

Ra illi fis-seduta tal-4 ta' Dicembru 2023, gew ippreżentati l-affidavit ta' Beverly Xerxen u Ian Camilleri. Beverly Xerxen tahdem fid-Dipartiment tal-Credit Control tal-Go p.l.c. Hi spjegat illi skond il-fattura numru 130449 tas-6 ta' Ottubru 2021 Dok BX1 l-ammont mitlub kien ta' €5,267.99 izda fil-mori tal-kawza instab illi kien hemm zball fil-komputazzjoni u b'hekk inhareg credit note b'referenza CM901, biex b'hekk inharget fattura gdida bir-riferenza INV7607 ghall-ammont €3,346.25. L-ammont ta' €1820.20 hija l-ispiza relatata mal-hidma mehtiega sabiex tigi effetwata t-tiswijiet msemmija eskluz il-vat. L-ammont ta' €1050.60 ezkluz vat huwa fir-rigward tal-materjal uzat fil-process tat-tiswijiet u €510.45 huwa l-vat, fejn is-socjeta attrici thallas lid-Dipartiment tal-vat skond l-iskadenzi ta' rappurtagg u hlas in konnesjoni tal-vat wara l-hrug tal-fattura nnifisha. Illi l-ammont ghandu jizdied bl-imghaxijiet, drittijiet u spejjez legali inkluz dawk in konnesjoni mal-ittra ufficjali 2877/22 li giet innotifikata lil RMX Limited fis-16 ta' Novembru 2022 kif jidher f'Dok B anness mar-rikors.  Illi l-ammont ghadu ma giex mhallas minn RMX Limited.

Ian Camilleri  spjega illi fid-9 ta' Lulju 2021, RMX Limited kienet qieghda tahdem b'makkinarju goff, gaffa b'katina minflokk bir-roti li kien qieghed jigi mghoddi fuq il-bankina u konsegwentament minn fuq il-duct route tas-socjeta attrici, kif jidher fir-ritratti mmarkati Dok IC1 u IC5. Dan wassal sabiex il-pajpijiet u l-fibri li kienu ghaddejjin minnhom inqatghu u b'hekk kien hemm hsarat fis-sistema ghal-klijenti tal-Go plc f'dawk l-inhawi. Kif jidher mir-ritratti RMX Limited ma hadet ebda azzjoni preventiva sabiex tizgura li ma ssirx hsara lill-infrastruttura tas-socjeta attrici lanqas wara li l-infrastruttura giet esposta u kienet visibli u lanqas ma kienet infurmat lis-socjeta attrici li kienet ser twettaq ix-xogholijie,t jew talbet sabiex jsiru l-marki mis-socjeta Go plc biex tidentifika l-prezenza tal-infrastruttura taghha. Meta jkun hemm hsara fin-network l-OCABS affetwati jirregistraw alarm fuq is-sistema li tfisser li diversi klijenti jkollhom hsara fil-konnessjoni tas-servizzi taghhom. Fid-9 ta' Lulju 2022 impjegati tas-socjeta attrici marru fuq il-post fejn sabu l-punt preciz fejn sehhet il-hsara li kien fi Triq San Frangisk, San Gwann fejn kienet qieghda tahdem RMX Limited, ghalkemm il-hsarat affetwa numru ta' OCABS fiz-zona inkluz Triq San Mikiel u dan b'hekk fl-ewwel fattura li inharget Dok A issemmi Triq San Mikiel, San Gwann. Kien hemm team ta' hames persuni li hadmu mit-8.00am sas 7.00pm tal-Gimgha 9 ta' Lulju 2021, u team ta' tlett persuni li hadmu l-ghada 10 ta' Lulju 2021, bejn is-6.00am sas 1.00pm. Ipprezenta *Damage Qualification Sheet* Dok IC6 li tispjega li sabiex tissewwa l-hsara intenefqu spejjez ghal materjal li jammonta ghal €1015.60 eskluz vat u labour li jammonta ghal €1820.20 eskluz vat bir-rata ta' €23.95 kull siegha. Fid-9 ta' Lulju 2021 Mario Cutajar u Norbert Magri ghamlu rapport l-ghassa ta' San Giljan. Ipprezenta site plan Dok IC7 fejn hemm indikata bl-ahmar il-punt li fih giet ikkagunata l-hsara u r-rotta tal-infrastruttura li giet affetwata li hija indikata bl-ahdar.

Fis-7 ta' Frar 2024, xehed l-Ispettur Frankie Sammut li ipprezenta rapport li kien sar fid-9 ta' Lulju 2021 minn Mario Cutajar dwar hsarat sofferti minn Go PLC fi Triq San Frangisk, San Gwann, il-pulizija ma kienux marru fuq il-post imma kienu talbu sabiex jiehdulhom ircevuta tal-hsarat izda dan baqa' ma sarx. Hu ma kien jaf xejn fuq il-kaz peress illi kien ilu xahrejn biss l-ghassa ta' San Giljan. Is-Socjeta attrici iddikjarat li kienet qieghda taghlaq il-provi u l-kawza thalliet ghal-provi tas-socjeta konvenuta.

Fis-7 ta' Ottubru 2024, It-Tribunal ra illi minkejja li kien hemm tlett seduti iddedikati sabiex is-socjeta tressaq il-provi, ma gewx prezentati ebda provi u sahansitra fl-ahhar zewg seduti la deher rapprezentant tas-socjeta konvenuta u lanqas xi rapprezentant legali taghha b'hekk fis-seduta tas-7 ta' Ottubru il-kawza giet diferita ghas-sentenza. Mill-provi prezentati jirrizulta illi s-socjeta konvenuta hija responsabbli ghal hsarat li garbet is-socjeta attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta konvenuta biex thallas lill-istess socjeta attrici is-somma ta' tlett elef tlett mija u sitta u erbghin euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€3346.25) bl-imghaxijiet mis-16 ta' Novembru 2022[2] sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri kif ukoll tal-ittra ufficjali bin-numru 2877/2022 huma kollha a kariku tas-socjeta konvenuta.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**

[2] Data tal-ittra uffucjali 2877/2022